# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 9**

**Rikors numru 74/10 RGM**

**Emmanuel Fenech**

**v.**

**Antonia Fenech**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-27 ta' Ottubru 2016 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

> **"Qorti,**
>
> "Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fis-26 ta' Frar 2010 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-
>
> > "1. Illi jiena u marti zzewwigna fl-20 ta' Awissu tas-sena 1972 fil-Knisja Parrokkjali tas-Siggiewi kif jirrizulta minn certifikat taz-

zwieg, u miz-zwieg taghna twieldu erbat ulied, wiehed minnhom ghadu minorenni u dan kif jirrizulta minn certifikat tat-twelid.

“2. Illi l-hajja konjugali taghna saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u adulterju kommessi minn marti fil-konfront tieghi, u minhabba li z-zwieg taghna tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

“3. Illi l-hajja konjugali taghna saret impossibbli minhabba inkompatibilita’ta’ karattru.

“4. Illi l-medjazzjoni sfaxxat.

“5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

“L-attur ghalhekk talab, ghalhiex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Fenech minhabba sevizzi, eccessi, Minacci ,ingurji gravi u adulterju kommessi mill-konvenuta kontra zewgha l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, minhabba li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

“2. Taffida il-kura u kustodja tal-minuri Fabio lill-attur, b’access adegwat lill-konvenuta.

“3. Tordna lill-istess konvenuta thallas lill-attur manteniment li joghobha tiffisa din il-Qorti skond il-bzonnijiet tal-istess attur, u ta’ binha Fabio, bil-modalita’ ta’ hin, lok u gurnata ta’ pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika sabiex taghamel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju/introjtu/pensjoni tal-konvenuta.

“4. Tapplika kontra il-konvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 48,50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta fis-shih jew parzjalment b’dan li jekk jkon il-kas, il-konvenuta titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg jkunu saru l-aktar bil-hila tal-attur u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala data meta il-konvenuta tkun tat lok li issir din is-separazzjoni.

“5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

“6. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

“7. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkononsenja lill-attur fi zmien qasr u perentorju li jigi lilha prefiss, l-oggetti kollha dotali u parafernali ta’ l-attur inklus flus u deheb u fin-nuqqas tikkundannha thallas lill-attur il-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta’ periti nominandi.

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta pprezentata fit-18 ta’ Marzu 2010 li taqra kif gej:-

“1. Illi fl-ewwel lok, fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni ta' Emmanuel Fenech, hemm zball fejn Emmanuel Fenech ghandu erbat' itfal. Dan m'huwiex minnu ghax l-imsemmi Emmanuel Fenech ghandu hamest itfal mill-esponenti Antonia Fenech;

“2. Illi fit-tieni lok, il-proceduri li intavola l-attur Emmanuel Fenech huma nulli u invalidi tant li d-digriet tal-medjazzjoni b'ittra numru 1157/2009, ma awtorizzatx lil Emmanuel Fenech sabiex jiftah il-kawza, izda awtorizza biss ( u biss hija sottolinejata) lil Antonia Fenech. Illi ghaldaqstant din il-kawza hija monka, stante li ma ghandhiex element essenzjali sabiex tinbeda tali kawza - u cjoe' awtorizzazzjoni forrnali sabiex jinbeda l-kaz min-naha ta' Emmanuel Fenech;

“3. Illi fit-tielet lok, Antonia Fenech gja intavolat proceduri ta' seperazzjoni b'rikors guramentat numru 15/10AF fl-ismijiet Antonia Fenech vs Emmanuel Fenech, liema proceduri gew intavolati quddiem il-Qorti Civili (sezzjoni familja) nhar il-15 ta' Jannar 2010;

“4. Illi fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni m'huwiex minnu xejn li l-hajja konjugali saret impossibbli minhabba servizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u adulterju kommessi minn martu, izda anzi huwa l-istess Emmanuel Fenech li huwa hati minhabba servizzi, eccessi, minacci ingurji gravi u adulterju fil-konfront ta' Antonia Fenech. Illi l-istess Antonia Fenech rat lil Emmanuel Fenech jixrob, jghannaq u jbewwes mara ohra gewwa San Pawl il-Bahar gol-bar Saint Paul's, nhar il-5 ta' Marzu 2010 ghal habta tal-l0.00pm;

“5. Illi a rigward l-ewwel talba l-attrici taqbel li din il-Qorti tippronunzja s-seperazzjoni personali, izda dejjem din is-

seperazzjoni u t-tkissir taz-zwieg sar unikament b'tort tal-konvenut Emmanuel Fenech, kif ser jigi spjegat tul is-smiegh tal-kawza;

“6. Illi a rigward it-tieni talba ta' Emmanuel Fenech, l-attrici tirrespingi 1-pretensjonijiet ta' l-istess Emmanuel Fenech, ghall-kura u l-kustodja tal-minuri Fabio, meta Emmanuel Fenech lanqas ma jaghti kaz lill-ibnu Fabio, lanqas ma jrid ikellmu u meta Fabio llum il-gurnata ghandu sittax (16) il-sena, u jaf ben tajjeb min mill-genituri tieghu jistmah, jistinka ghall-edukazzjoni tieghu u jhobbu, kif inhu xieraq. Illi bl-akbar rispett, Emmanuel Fenech lanqas ma kkontribwixxa centezmu manteniment minn April 2009 sa l-ahhar ta' Novembru 2009, fejn l-istess Emmanuel Fenech lanqas ma kkontribwixxa ghall-flejjes dovuti sabiex isiru l' O levels ghall-istess minuri Fabio;

“7. Illi a rigward it-talba ta' Emmanuel Fenech ghall-manteniment, dan certament m'huwiex dovut meta Emmanuel Fenech jaqla pensjoni mensili ferm aktar minn martu stess. Illi inoltre qieghed jigi respint, it-talba ghall-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju, meta huwa Emmanuel Fenech li ma ghandu ebda dipendenti (jigifieri jghix wahdu flimkien ma wiehed mit-tfal maggjorenni u li jahdem ta' kuljum u li huwa guvni) u meta Emmanuel Fenech kien gibed il-flejjes kollha tal-kommunjoni tal-akkwisti qabel ma nbdew il-proceduri ta' seperazzjoni, kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza;

“8. Illi a rigward ir-raba talba ta' Emmanuel Fenech, din it-talba qieghda tigi respinta inkluz l-applikazzjoni ta' l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kap 16, minhabba l-fatt li kien l-istess Emmanuel Fenech li huwa hati ghat-tifrik u t-tkissir taz-zwieg, minhabba l-adulterju tieghu, u minhabba wkoll is-servizzi, vjolenza, eccessi u l-intransigenza tieghu, kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza;

“9. Illi a rigward it-talba ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-esponenti taqbel, li din il-likwidazzjoni ssir, pero' tigbed l-attenzjoni ghall-Qorti wkoll li l-attrici Antonia Fenech ghandha propjeta' parafemali immobbli taghha li pproveniet mill-wirt ta' ommha u missierha fil-fond 14 u 17 Triq il-Qiegha Siggiewi, liema propjeta' ma tidholx fil-komunjoni tal-akkwisti izda hija taghha wahedha mill-wirt ta' ommha u missierha;

“10. Illi a rigward is-sitt talba, l-attrici Antonia Fenech, taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti tinqasam f'zewg porzjonijiet mhux

necessarjament ugwali, izda hija l-istess Antonia Fenech li ghandha tiehu sehem akbar mill-komunjoni tal-akkwisti, meta kien l-istess Emmanuel Fenech li gibed il-flejjes tal-komunjoni sabiex halla qoxqox lill-esponenti Antonia Fenech, u ma taha kaz l-obbligazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-minuri Fabio u inoltre biegh zewg bicciet art f'Haz-Zabbar gewwa Triq il-Farfett liema propjietajiet huma tal-komunjoni tal-akkwisti, u li minnhom Antonia Fenech lanqas ma hadet centezmu minnhom, oltre propjietajiet ohrajn li minnhom lanqas ma rat sold Antonia Fenech, kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza;

"11. Illi a rigward is-seba' talba tal-attur, l-esponenti Antonia Fenech tirrespingi l-pretensjonijiet ta' l-istess attur stante l-fatt li Emmanuel Fenech ma ghandu ebda oggetti dotali u/jew parafernali;

"Bl-ispejjez kontra l-attur.

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Settembru 2010, li ordnat li z-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment, cioe dik numru 15/10 fejn il-mara hi l-attrici, u din numru 74/10 fejn l-attur hu r-ragel;

"Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2010 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Anne Marie Mifsud bhala Perit Legali;

"Rat l-affidavit ta' Darren Fenech, bin il-kontendenti mahluf fis-7 ta' Novembru 2012;

"Rat in-nota ta' kritika ta' Emmanuel Fenech ghar-rapport peritali ppresentata fl-1 ta' Gunju 2016; u dik ta' Antonia Fenech ippresentata fid-9 ta' Gunju 2016;

"Rat il-verbal registrat fis-seduta tad-9 ta'Gunju 2016 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

"A skans ta' ripetizzjonijiet inutili, f'dan l-istadju qed issir riferenza ghall-provi, konsiderzzjonijiet u kkonkluzjonijiet li saru fil-kawza bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi Rikors Guramentat Numru 15/10, li instemghet kontestwalment u ukoll qed tigi deciza illum.

"Gie deciz f'dik il-kawza li r-raguni ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-kontendenti kienet il-vjolenza tar-ragel fil-konfront ta' martu u uliedu, kif ukoll li z-zewg partijiet kkommettew ingurja gravi fil-konfront ta' xulxin

meta reciprokament akkuzaw lil xulxin b'adulterju li ma irrizultax mill-provi.

"Din l-kawza ghalhekk qed tigi deciza konformament ma dak li gie deciz fl-imsemmija kawza.

"Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni mressqa mill-konvenuta il-Qorti tikkonsidra illi una volta l-process ta' medjazzjoni sehh fir-rigward tas-separazzjoni tal-partijiet, iz-zewg partijiet huma intitolati li jistitwixxu l-kawza ghas-separazzjoni personali. Ghalhekk qed tikkonsidra t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta bhala infondata.

"DECIDE

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li qed tichad u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta konformement ma' dak hawn deciz u ma' dak deciz illum fil-kawza numru 15/10RGM fl-ismijiet inversi;

"1. Tilqa' in parti l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Fenech u dan principalment minhabba vjolenza, sevizzi,eccessi, minacci u inguji gravi da parti tal-attur, kif ukoll susidjarjament bil-kontribuzzjoni tal-konvenuta li kkommettiet ingurja gravi fil-konfront tal-attur, meta allegat l-adulterju tieghu li ma giex ippruvat;

"2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba dwar il-kura u kustodja tal-minuri Fabio billi dan illum hu maggjorenni;

"3. Tichad it-tielet talba attrici fejn l-attur talab manteniment ghalih u ghall-ibnu Fabio;

"4. Tichad r-raba' talba attrici fejn l-attur talab li jigu applikati kontra il-konvenuta l-Artikoli 48,50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta;

"5. Tilqa' il-hames talba attrici ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

"6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, kif deciz fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 15/10RGM deciza llum, kif korrett b'digriet moghti fis-27 ta' April, 2017[i].

> "7. Tichad s-seba talba attrici, billi rrizulta li l-propjeta' parafernali tal-attur kienet limitata ghal xi deheb li kien wiret mill-familja tieghu li hu fil-pussess tieghu.

"L-ispejjez jithallsu zewg terzi mill-attur u terz mill-konvenuta."

Minn din is-sentenza appella l-attur li talab biss varjazzjoni dwar id-dikjarazzjoni tar-responsabbilta` ghat-tifrik taz-zwieg u il-kap tal-ispejjez..

L-appellant jilmenta li huwa ma kellux ikun addossat bir-responsabbilta` principali ghat-tifrik taz-zwieg, tenut kont tal-provi li ngabru. Jirreferi wkoll ghar-rapport peritali illi rrakkomanda li l-partijiet kienu t-tnejn illi huma responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg b'mod ugwali.

Fir-rigward tal-perizja, huwa minnu li l-qrati taghna ghal diversi drabi ghamlu taghhom il-konkluzjonijiet peritali bhal per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et (23 ta' Gunju 1967)** fejn qalet illi *"ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijiet taghha nnifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit-tekniku ma jistghux u ma ghandux, ... ..., jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli."* Bl-istess mod il-Qorti (Prim'Awla) ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit,** deciza fil-11 ta'

Ottubru 2010 u kkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta’ Ottubru 2014, u aktar ricentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Mugliette et** deciza fit-28 ta’ Marzu 2014 u **Giulia Curmi et v. Guzeppi Schembri** deciza fl-24 ta’ April 2015 .

Madankollu wiehed jista’ jiddeduci li f’dawn il-kawzi l-Qorti kienu qed jirreferu ghal perizji teknici u mhux ghal konkluzjonijiet ta’ perit legali fejn naturalment il-Qorti li tkun qed tiddeciedi l-kawza tkun aktar f’posizzjoni li taghti gudizzju nformat fuq l-istess perizja milli meta l-perizja tkun fuq materja li taghha l-Qorti ma tkunx esperta – tant li hija stess tinnomina espert fil-materja. Il-Qorti mhijiex tenuta bil-fors li toqghod fuq il-konkluzjonijiet peritali, specjalment fil-kaz ta’ perizja legali **( George Attard v. Michele Galea, Prim’Awla, 25 ta’ Frar 1956).**

L-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-allegazzjonijiet tal-appellata kienu aktar verosimili u wara li ezaminat l-atti ddecidiet li l-appellant kien jahti principalment ghat-tifrik taz-zwieg. Din il-Qorti ezaminat l-atti u ma tara mkien fejn ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti. Ghandu jinghad illi hafna mill-aggravji msemmija mill-appellant f’dan ir-rigward jirrigwardjaw evalwazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi illi ngiebu quddiemha – kompriz il-kredibilita` tax-xhieda. Dwar dan, u cioe`, fejn jidhol apprezzament tal-provi, kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta’ Jannar 1995) *“il-*

*Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."*

*"Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha."* **(Borg v. Galea, Appell 3 ta' Marzu 2011).** Naturalment, *"Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja."* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).** Huwa minnu li hafna mill-provi ngabru mill-perit legali u allura kienet hi li semghet il-provi madankollu l-ewwel Qorti

semghet xi provi wkoll hija stess u allura setghet taghmel il-konstatazzjonijiet taghha minn dak li semghet. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet biex tvarja dak li l-ewwel Qorti ddecidiet fid-diskrezzjoni taghha a bazi tal-provi voluminuzi li kellha quddiemha.

It-tieni aggravju jirrigiwardja l-ispejjez tal-kawza. Naturalment l-appellant ibbaza din it-talba fuq l-ewwel aggravju ghaliex huwa insista li ma kellux responsabbilta` principali ghat-tifrik taz-zwieg u allura konsegwentement l-ispejjez ukoll kellhom jinqasmu ugwalment.

L-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jidher li jenuncja zewg regoli. Fl-ewwel subinciz tieghu jipprovdi li *"kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez".* Skont id-dispost tat-tielet subinciz "*il-Qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.*"

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet **Falzon v. Xuereb** intqal illi:

> "Jinsab ritenut illi "*minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi*" **(Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173).**

Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi *"l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidherx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha.*" (**Kollez. Vol XLIX pI p190**). B'ezempju din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-attur ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a **Vol XXXIII pII p55** illi "*jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni".* Ezempju iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur.

Dan premess, jokkorri li din il-Qorti tezamina jekk fil-meritu kienx hemm cirkostanzi li kienu jissuggerixxu xi temperament in via ta' xi eccezzjoni specjalissima. Ghar-rigward ta' din ir-ricerka gie deciz illi "*nulla osta in legge che la Corte d'Appello prenda cognizione del merito non per rivederlo ma unicamente per stabilire se, alla stregua della decisione non impugnata circa a tale merito, il capo delle spese sia stato bene definite."* (**Kollez Vol XXV pI p 793).**

Peress li din il-Qorti se tikkonferma s-sentenza appellata ma hemmx lok ta' varjazzjoni fid-decide dwar il-kap tal-ispejjez. L-appellant ghamel referenza ghall-ispejjez tal-perizja kalligrafika ta' Dr. Martin Bajada li kif sewwa issenjala l-appellant, kienet tiggustifika l-posizzjoni tieghu. Madankollu din jifforma parti mill-process tal-kawza fl-ismijiet inversi li qed tigi deciza illum ukoll.

L-appellant ma ressaqx aggravji ohra u allura l-kapijiet l-ohra tas-sentenza gia` ghaddew in gudikat.

**Decizjoni**

Din il-Qorti ghalhekk tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-appell a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld

[i] Korrezjoni awtorizzata permezz ta' digriet datat 27 ta' April 2017.